MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 44/2010

**Philip Galea (ID 485032M)**

**vs**

**Mary Violet Gatt (ID 383330M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti:

Illi huwa jikri lill-intimata l-mezzanin nru. 64, Triq l-Isqof Caruana, Zebbug, Malta bil-kera ta’ tnax-il lira Maltin (Lm12) fis-sena ekwivalenti ghal €27.95, li mill-1 ta’ Jannar 2010 saret mija u hamsa u tmenin Euro (€185) fis-sena bis-sahha tal-Att X tal-2009;

Illi l-intimata inkwilina ilha ma toqghod fl-imsemmi fond ghall-inqas ghal dawn l-ahhar erba’ snin cirka u ghalhekk mhijiex qed tuza l-fond ghall-iskop ta’ residenza;

Illi fil-fatt jirrizulta lill-esponent li l-intimata tinsab rikoverata fid-dar tal-anzjani “Villa Messina”;

Illi inoltre, minhabba l-kundizzjoni medika taghha, l-intimata mhijiex f’posizzjoni li tirritorna tabita fil-fond mikri lilha peress li hija totalment u permanentement dipendenti fuq l-imsemmija instituzzjoni fejn tinsab rikoverata;

Illi ghalkemm l-intimata tizgombra mill-fond anki permezz ta’ ittra ufficjali, l-imsemmija naqset li taghmel dan;

Illi fid-dawl tas-suespost , hemm lok li l-intimata tigi zgumbrata mill-fond lilha mikri u dan a tenur tas-subartikoli (1) u/jew (2) tal-artikolu 1555A tal-Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Illi fid-dawl tal-fatti fuq imsemmija, sa fejn jaf ir-rikorrent, l-intimata ma ghandha l-ebda difiza x’taghti kontra t-talba tieghu;

Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt illi jaghmel kull riserva ghar-rizarciment ghad-danni, jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu:

1. Jiddeciedi li jilqa’ t-talba minghajr ma jghadi ghas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

2. Jiddikjara x-xoljiment tal-kuntratt lokatizju minhabba r-ragunjjiet premessi u rikonoxxuti fil-ligi;

3. Jordna lill-intimata tizgombra mill-mezzanin numru 64, Triq l-Isqof Caruana, Zebbug Malta u tirritorna c-cwievet u l-pussess ta’ l-istess fond lir-rikorrent, u dan fi zmien qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jifissa;

Bl-ispejjes kontra l-intimata;

Ra illi l-intimata kien debitament notifikata bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh;

Ra n-nota kongunta tal-partijiet li permezz taghha oltre l-ammissjoni tal-intimata ghat-talbiet rikorrenti, l-partijiet ftehmu dwar il-modalita' li ghandha tirregola l-liberazzjoni tal-fond mill-intimata kif ukoll dwar l-ispejjez u talbu li s-sentenza ghandha tinkorpora l-istess ftehim;

Ikkonsidra:

Illi wara l ezamina  r-rikors guramentat;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bazati fuq in-*non uso* tal-fond mikri kif ravvizati fir-rikors promutorju u ghalhekk jiddikjara xolt l-kuntratt lokatizju bejn il-kontendenti b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar 2011 f'liema jum l-intimata ghandha tirritorna c-cwievet u l-pussess tal-fond lura lill-intimat;

L-ispejjez ta' din l-istanza huma  a karigu ta' kull wiehed mill-partijiet u cioe' kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha..

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------